**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 24 ta' Ottubru, 2018**

Numru 18

**Appell Nru. 38/2018**

**Chantelle Mifsud**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Oswald Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Chantelle Mifsud tal-14 ta' Gunju 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-31 ta' Mejju 2018 li ikkonfermat il-permess PA 3433/16 'relocation of street furniture – outside tables and chairs – approved in PA 571/15';

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-permit holder Oswald Caruana li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan huwa appell kontra l-hrug tal-permess ghall-relokazzjoni ta' mwejjed u iggijiet ghal quddiem stabbiliment ezistenti ta' likel, f'Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta [Referenza ghall-block plan 79A u site plan 1A fl-inkartament tal-PA3433/16]. L-imwejjed u s-siggijiet esterni huma koperti b'permess precedenti PA571/15, fejn kienu gew approvati imwejjed u siggijiet fil-pjazza ta' quddiem is-Suq tal-Belt. Bl-applikazzjoni odjerna, l-estent ta' mwejjed u siggijiet approvati mal-istabbiliment ta' l-ikel qeghdin jitnaqsu [Vide il-block plan a fol 65A fejn l-erja ta' mwejjed u siggijiet immarkat bl-ahdar huma dawk kommessi bil-permess PA571/15, filwaqt li l-erja ta' mwejjed u siggijiet immarkati bl-ahmar huma dawk li gew approvati fl-applikazzjoni odjerna PA3433/16].

Illi l-aggravji mressqa minn l-appellant huma is-segwenti:
1. Hemm imwejjed u siggijiet annessi mal-istabbiliment tal-ikel illegali, u li huma suggett ghall-avviz ta' infurzar;
2. Illi ghalkemm il-permess inhareg bhala wiehed non-executable, ga qeghdin jitqedu l-imwejjed u s-siggijiet u kif ukoll hemm ksur tal-kondizzjonijiet tal-permess, partikolarment dak li jikkoncerna strutturi tal-plastik fuq is-sit;
3. L-Awtorita' kellha tikkunsidra din l-applikazzjoni flimkien ma' PA6658/16 biex jigi assigurat li ma jinghatax aktar minn permess wiehed fuq l-istess sit;
4. Illi l-erja ta' mwejjed u siggijiet tinsab quddiem il-propjeta' ta' l-appellant, u b'hekk l-appellant qieghed jigi pregudikat minhabba dritt kwezit favor l-applikant.

L-ewwel aggravju:
Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju, it-Tribunal jinnota illi s-sit mertu ta' l-applikazzjoni huwa suggett ghall-avviz ta' infurzar ECF 477/16. L-Awtorita' tindika li dan l-Avviz igib id-data tat-22 ta' Dicembru 2016, filwaqt li d-data tad-decizjoni tal-Kummisjoni fir-rigward ta' l-applikazzjoni odjerna hija 2 ta' Dicembru 2016. Ghalhekk, galadarba ma kienx hemm avviz biex tieqaf u twettieq fuq is-sit, jew indikazzjoni ta' irregolaritajiet, dakinhar li il-Kummisjoni ha decizjoni fuq l-applikazzjoni, il-procedura li giet adottata mill-Awtorita' hija wahda korretta.

It-tieni aggravju:
Il-kwistjoni imressaq fit-tieni aggravju jikkoncerna l-procedura ta' infurzar, partikolarment biex jigi segwit l-avviz ta' infurzar ECF477/16. Kif ga giet indikat, l-approvazzjoni tal-applikazzjoni odjerna saret qabel ma twettaq l-avviz ta' infurzar, u ghalhekk il-kwistjoni li qieghed jitressaq f'dan l-aggravju huwa superfluwa fil-kors ta' dan l-appell. Fl-istess waqt, mhuwiex il-kompetenza ta' dan it-Tribunal illi jidhol fil-kwistjoni jekk hemmx ksur ta' kondizzjonijiet imposti fil-permess PA571/15, minhabba li dan lapel ghandu jikkoncerna biss l-izvilupp approvat fl-applikazzjoni odjerna, u cioe' il-kondizzjonijiet tal-PA3433/16.

It-tielet u r-raba' aggravji:
Fir-rigward tat-tielet u r-raba' aggravji, it-Tribunal jinnota illi l-argumenti imressqa jirrigwardaw l-fatt illi parti mis-sit ta' PA6658/16 jissomprima l-erja koperta bil-permess ghall-imwejjed u siggjiet. It-Tribunal izda jinnota li l-parti tal-imwejjed u siggijiet li jikkoincidi mas-sit ta' PA6658/16, fil-fatt huwa kopert bil-permess precedenti PA571/15 u ghalhekk ma' jiffurmax parti mill-mertu ta' l-applikazzjoni odjerna. Ghalhekk, mhix il-kompetenza ta' dan it-Tribunal li jidhol fil-mertu ta' dak li gie permess flapplikazzjoni precedenti PA571/15.

Ghal dawn il-motivi, u wara li ezamina il-fattispeci kollha ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma l-permess ta' l-izvilupp PA3433/16.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal kellu jichad l-applikazzjoni ta' Oswald Caruana ghax is-sit mertu tal-applikazzjoni kien kolpit minn illegalitajiet u kien qed jopera bi ksur tal-permess PA 571/15;

2. It-Tribunal naqas li jittratta zewg aggravji ohra tal-appell cioe li l-Awtorita kellha tqis din l-applikazzjni flimkien ma applikazzjonijiet ohra ta' terzi senjatament PA 6658/16 fl-istess lokalita peress li l-Awtorita ma tistax tohrog aktar minn permess wiehed fuq l-istess sit. In oltre parti mis-sit jigi quddiem il-prorjeta tal-appellanti u l-ghoti tal-permess lil Oswald Caruana kien qed jippregudika drittijiet akkwiziti u aspettativi legittimi li jigi trattat bl-istess mod bhal applikanti ohra. B'zieda ma' dan it-tqieghed ta' siggijiet u mwejjed fi Strada Merkanti kien suggett ta' applikazzjoni tal-Gvern centrali biex jassigura uniformita u disinn accettabbli tat-triq kollha;

3. Il-permess tal-2015 favur l-applikant ma hux res judicata ghax bl-applikazzjoni odjerna rega' fetah il-kunsiderazzjonijiet fuq l-istess sit. In oltre l-applikant ma setghax legalment ikompli juza parti mis-sit billi l-encroachment li kellu kien gie terminat.

**L-ewwel u t-tielet aggravji**

It-Tribunal qies li s-sit mertu tal-applikazzjoni hu kolpit b'avviz ta' enforzar 477/16 li skont l-Awtorita jgib id-data tat-22 ta' Dicembru 2016 cioe ghoxrin jum wara li inhareg il-peremss mertu ta' din l-applikazzjni. It-Tribunal ikkonkluda li d-decizjoni li tapprova l-applikazzjoni kienet korretta ghax meta inhareg il-permess ma kienx hemm avviz ta' enforzar. Fil-fehma tal-Qorti dan ir-ragunament hu palezament zbaljat fil-ligi. Jekk

wiehed jiskarta kollox jibqa' fattur wiehed inkontrovertibbli. It-Tribunal kien qed jisma appell minn permess mahrug meta fiz-zmien li qed jinstema tali appell kien hemm avviz ta' enforzar. Ghamlet x'ghamlet l-Awtorita, it-Tribunal kellu jqis l-effett li dan l-avviz kellu fuq il-validita tal-permess fil-mument li qed jigi deciz l-appell. It-Tribunal ma setghax jahsel idejh mir-responsabilita fdata lilu li jqis li l-hrug ta' permess, approvat minnu (kliem sottolineat) hu skont il-ligi u mhux wiehed li jista' jitfa' dell fuq l-operat tal-istess Tribunal fil-qadi tal-mansjonijiet tieghu.

Mhux hekk biss izda saru wkoll quddiemu sottomissjonijiet kemm l-istess decizjoni tal-Awtorita kienet konsoni mal-ligi meta skont l-appellant l-avviz tal-enforzar inhareg mill-istess Awtorita fil-15 ta' Novembru 2016 wara spezzjoni fuq is-sit tal-applikant fis-26 ta' Ottubru 2016, u dan in konnessjoni ma' ksur tal-permess gia mahrug favur l-applikant PA 571/15. It-Tribunal kellu jqis din is-sottomissjoni fid-dettal u l-veracita taghha u kemm kienet timpingi fuq l-applikazzjoni pendenti li kienet titratta l-istess suggett u sit. Dan kollu ma setghax jigi injorat mit-Tribunal u kellu jigi kunsidrat, mgharbul u deciz sew. Id-decizjoni tat-Tribunal hi errata ghax dawn il-fatturi, mertu tal-aggravju, ma gewx meqjusa kif imiss.

In kwantu ghat-tielet aggravju t-Tribunal kien zbaljat li jqis li ma kienx kompetenti jidhol fi-mertu tal-permess PA 571/15. It-Tribunal kellu jqis dak li kien moghti fil-permess PA 571/15 u jqabbel dak li kien qed jintalab bl-applikazzjoni prezenti u l-avviz tal-enforzar b'referenza ghal permess PA 571/15 li jitratta l-istess suggett u sit. Wara tali kostatazzjoni seta' jghaddi biex jiddeciedi l-ewwel aggravju tal-appellant. Wara kollox l-istess applikant fl-applikazzjoni prezenti ighaqqad din l-applikazzjoni ma' dak gia permess PA 571/15. It-Tribunal b'daqshekk mhux ser jerga' jidhol fil-mertu tal-permess PA 571/15 izda jiehu dak permess in konsiderazzjoni ghad-determinazzjoni ta' din il-vertenza.

Ghalhekk l-aggravji wiehed u tlieta qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz.

**It-tieni aggravju**

Din il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu ta' dan l-aggravju billi gew milqugha l-ewwel u t-tielet aggravji.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Chantelle Mifsud u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-31 ta' Mejju 2018, u tirritorna l-atti lit-Tribunal biex jiddeciedi l-appell mill-gdid. Spejjez ghall-appellati in solidum.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur